MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2067/2004

**Polidano Press Limited**

**Vs**

**Middle East Institution for International Economical Law Research and Studies Limited, Denise Aquilina u Dr Saleh Zahaf**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm552.63 (hames mija tnejn u hamsin lira Maltin tlieta u sittin centezmu) dovuti ghal xoghol ta' stampar.

Bl-ispejjes u interessi kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-18 ta’ Novembru 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fit-8 ta` Marzu 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------